MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2012

Numru. 399/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT SAID SARREO**
**VS**
**JOSEPHINE SIVE JOYCE AZZOPARDI**

## Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Josephine sive Joyce Azzopardi ta’ 44 sena, bint Alfred u Teresa nee’ Zaffarese, mwielda Pieta’ fil- 11 ta’ Jannar 1968, residenti 60, Fuq Verdala, Bormla u detentrici tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 77868M;

Talli f’ diversi hinijiet, nhar it- 8 ta’ April 2011, f’ dawn il-Gzejjer b’ diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi, u liema atti gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda;

1) minn gewwa l- ATM tal- APS Bank li tinsab Haz- Zabbar u l- ATM tal- Bank of Valletta li tinsab Rahal Gdid, ikkommettietserq li jammonta globalment ghal €300 ghad-dannu ta’ Kimberley Muscat minn Bormla u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur li ma jiskorrix €2,329.37 kif ukoll bil- mezz;

2) aktar talli f’ Haz- Zabbar, fl- istess data, minn gewwa l- istabbiliment bl- isem ta’ Chef Choice Supermarket li jinstab f’ Haz- Zabbar, ikkommettiet serq ta’ oggett u cioe’ cashlink card, liema serq sar ghad-detriment ta’ Kimberley Muscat minn Bormla u/ jew id-dirigenti tal- Bank of Valletta, huwa kkwalifikat bil- mezz u bil- persuna;

3) aktar talli fl- istess data, waqt li kienet f’ Haz- Zabbar kif ukoll f’ Rahal Gdid, b’ mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’ qerq iehor, ingann jew billi wriet haga b’ ohra sabiex iggieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ ntrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fu haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika ghamlet qliegh li jammonta s- somma ta’ €300 bi hsara ta’ haddiehor u cioe’ Kimberley Muscat minn Bormla u/ jew persuni ohra;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-istadju ta’ gheluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni f’din il-kawza, wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni taghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

Rat illi l-parti leza, Kimberly Muscat, informat lill-Qorti li hi kienet thallset lura l-flus li gew nieqsa, u ghalhekk ma kellha ebda pretensjoni ohra kontra l-imputata;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 18, 261, 263, 267, 268, 308, 309, u 310(1)(b) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------